# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 2/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Conray Azzopardi**

Illum 27 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Conray Azzopardi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 319087(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fit-28 ta' Ġunju 2008 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data:

a. biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

b. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

c. kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Diċembru 2018 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-imputat mhux ħati ta' imputazzjoni (a) u (ċ) miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom, sabitu ħati ta' imputazzjoni (b), limitatament għat-28 ta' Ġunju 2008, u f'dan ir-rigward:

- ikkundannatu tnax (12)-il xahar priġunerija u multa ta' elf Euro (€1,000), li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas minnu b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza appellata, b'dan illi jekk jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jkun dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-Proċess Verbal tal-inkjesta, ossia s-somma ta' tliet mija, sebgħa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€367.87) rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, kif ukoll is-somma ta' tnejn u ħamsin Euro, sitta u tletin ċenteżmu (€52.36) rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 1184 Patrick Grech, b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' erba' mija u għoxrin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€420.23), liema spejjeż kellhom jitħallsu mill-imputat fi żmien sitt (6) xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza;

- ordnat ir-rilaxx tas-somma ta' mitejn u ħamsin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€250.72) eżebita bħala Dok. "JM 1" u tal-*mobile phone* formanti parti mill-atti tal-inkjesta favur l-imputat;

- ordnat id-distruzzjoni tad-droga u tal-oġġetti kollha relatati mal-abbuż tad-droga, hekk kif is-sentenza kellha tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-28 ta' Diċembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fejn ma sabitux ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (ċ) miġjuba kontra tiegħu u lliberatu*

*minnhom,* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *inkwantu għall-imputazzjoni (b) limitatament għat-28 ta' Ġunju 2008, fejn tiddikjarah mhux ħati ta' pussess aggravat iżda ħati biss ta' pussess sempliċi u konsegwentement tilliberah mill-akkuża ta' pussess aggravat; u fin-nuqqas* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021 (*a fol.* 157) din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Nota ppreżentata mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fit-2 ta' Settembru 2022 (*a fol.* 227) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti diversament preseduta li kien qed jagħlaq il-każ u fejn għamel ir-rakkomondazzjonijiet tiegħu lill-Qorti.

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fl-4 ta' Mejju 2023 (*a fol.* 242) fejn fiha l-Qorti ġiet infurmata li minn riċerka li saret ma rriżultax li l-appellant kellu proċeduri oħra quddiem il-Qorti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet

li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għall-fatti li jirriżultaw fl-atti proċesswali. Jirriżulta li l-Pulizija għamlu tfittxija ġo fond f'Marsascala f'liema fond kien hemm l-appellant. Kien hemm ukoll ċertu Keith Ellul li fetaħ il-bieb meta marru l-Pulizija. Meta kienet qed issir tfittxija minn PS 435 David Damato u PC 751 Joe Borg, PS 435 David Damato nnota xi oġġetti relatati mad-droga u waqt liema tfittxija l-appellant ħarab u waqa' b'basket li kien fih raża suspettata *cannabis* fejn partijiet minnha kienu mkebba individwalment. Instabu wkoll ammont ta' flus li jammontaw għal mitejn u ħamsin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€250.72).

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell imressaq mill-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi mressqa quddiemha u jisħaq li kien hemm diversi punti li l-imsemmija Qorti għażlet li jew tinjora jew ma temminhomx jew inkella assumiethom mingħajr ebda prova. Jgħid li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq l-ammont ta' droga misjuba sabiex tasal għall-pussess aggravat. Jgħid li ma nġabet ebda prova oħra mill-Prosekuzzjoni li din id-droga kienet ser tiġi spaċċjata u jgħid li l-ammont kien dak ta' madwar 144 gramma cannabis u li hu kellu problema tad-drogi. Jissottometti li jrid ikun hemm l-intenzjoni ta' spaċċ. Jagħmel riferenza estensiva għal ġurisprudenza dwar, fost l-oħrajn, l-intenzjoni li huwa neċessarju li jkun hemm u dwar pussess aggravat ta' droga u kif ukoll li jridu jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u n-natura tal-evidenza ċirkostanzjali. Jisħaq li kellha tinġieb prova konkreta u diretta li d-droga nstabet ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Jagħmel riferenza għax-xiehda

mogħtija mill-Uffiċjal tal-*Probation* u jgħid li din ikkonfermat li fi żmien li sar ir-reat hu kellu l-vizzju tad-droga, anzi kien a *heavy user* tagħha.

Illi din il-Qorti tinnota li l-aggravju in eżami għandu taħlita ta' apprezzament ta' fatti kif ukoll punti ta' liġi. Għal dawk li huma fatti, din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti eżaminat il-fatti bir-reqqa. Dawn il-fatti jmorru lura għat-28 ta' Ġunju 2008 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data meta dakinhar l-appellant, li twieled f'Lulju 1987, kellu kważi wieħed u għoxrin (21) sena. Il-fedina penali tiegħu hija waħda kompletament nadifa: kemm dik eżebita quddiem l-Ewwel Qorti u kif ukoll dik eżebita quddiem din il-Qorti. Jirriżulta li waqt tfittxija għand il-kuġin tal-appellant, l-appellant ipprova jaħrab iżda l-Pulizija qabduh. Waqt il-ħarba, huwa waqa' u mill-baskett

li kellu f'idu waqgħet is-sustanza. Kellu f'idejh sustanza ta' lewn kannella suspettata cannabis u minnha kien hemm partijiet waħda, waħda b'total ta' madwar 150 gramma. Instabu wkoll mitejn u ħamsin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€250.72) kif imsemmi aktar 'il fuq. Mir-rapport (Dok. "GS") tax-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta li mill-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li ġew analizzati nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* li hija sustanza li tiġi mill-pjanta tal-cannabis. Mill-istess rapport jirriżulta li l-piż totali tas-sustanza kien dak ta' 144.35 grammi b'purita' ta' ċirka 11%.

Illi l-atti proċesswali jikkontjenu wkoll, fost l-oħrajn, id-depożizzjoni mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti mill-Uffiċjal tal-*Probation* Odelsie Bayliss (*a fol.* 48 *et seq.*) u mill-Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia (*a fol.* 79 *et seq.*). Filwaqt li fis-6 ta' Diċembru 2013 l-Uffiċjal tal-*Probation* Odelsie Bayliss ippreżentat *Social Inquiry Report* (Dok. "OB" - *a fol.* 51 *et seq.*) redatt minnha fil-konfront tal-appellant, fl-1 ta' Lulju 2015 l-Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia ppreżentat *update* tal-imsemmi rapport liema *update* ġie mmarkat bħala Dok. "DF" (*a fol.* 82).

Illi jirriżulta li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati ta' imputazzjoni mmarkata bl-ittra (b). Din il-Qorti ma tqisx li huwa neċessarju li toqgħod tirriproduċi hawn il-ġurisprudenza li għamlet riferenza għaliha l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni. Kontra dak li jissottometti l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti ma qisitx l-ammont biss iżda wkoll t-tqassim fi tlieta u erbgħin (43) biċċa (saħansitra b'xi wħud imkebbin ġol-*foil*) kif ukoll ikkunsidrat il-piż. Din il-Qorti kkunsidrat dan kollu wkoll u fil-fehma tagħha l-fatt li l-appellant kien dipendenti fuq id-droga ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx provi biżżejjed dwar l-element materjali tar-reat. Il-provi miġjuba, kemm mill-ammont kif ukoll mit-tqassim, juru li d-droga ma kinitx intiża għall-użu personali tal-appellant biss. Hemm provi ċirkostanzjali li ma jħallu ebda dubju f'din il-Qorti li d-droga li nstabet fuq l-appellant ma kinitx intiża għall-użu tiegħu biss. B'hekk din il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-ewwel aggravju f'dan ir-rigward.

Illi fil-parti legali tal-ewwel aggravju l-appellant jissottometti li fil-liġi Ingliża jenħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova wkoll l-intenzjoni li wieħed ried jispaċċja. Mingħajr eżitazzjoni ta' xejn din il-Qorti tinnota li l-intenżjoni tirriżulta mill-kwantita' misjuba, mit-tqassim tagħha, mill-partijiet imkebbin fil-*foil*, kif ukoll mill-piż tal-biċċiet. Din hija prova ċirkostanzjali qawwija biżżejjed u univoka għaliex tindika biċ-ċar li l-appellant ma kienx qed jaħseb għall-bżonnijiet tiegħu biss. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma qisitx l-istqarrija tal-appellant la ma kellux assistenza ta' avukat. Minkejja dan u tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel aggravju, din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward ta' imputazzjoni (b) addebitata fil-konfront tiegħu u b'hekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant flimkien peress li l-imsemmija aggravji huma konnessi.

Illi filwaqt li fit-tieni aggravju l-appellant jissottometti li huwa jista' jinvoka d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex ir-reati attribwibbli lilu huma attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga ġialadarba huwa kienu ilu jieħu d-droga, fit-tielet aggravju huwa jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija waħda eċċessiva.

Illi fir-rigward tal-aggravji in eżami din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 133), liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija (*a fol.* 157) u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant kien qed jiġi magħluq bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu (*a fol.* 227). Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tat-tieni u tat-tielet aggravju.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-appellant li ġie pruvat;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant li hija waħda kompletament nadifa;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2008 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti mill-Uffiċjal tal-*Probation* Odelsie Bayliss (*a fol.* 48 *et seq.*) u mill-Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia (*a fol.* 79 *et seq.*) u dak li jirriżulta kemm mis-*Social Inquiry Report* (Dok. "OB" - *a fol.* 51 *et seq.*) redatt fil-konfront tal-appellant mill-Uffiċjal tal-*Probation* Odelsie Bayliss li ppreżentat ir-rapport fis-6 ta' Diċembru 2013, kif ukoll mill-*update* (Dok. "DF" – *a fol.* 82) tal-istess rapport liema *update* ġie mħejji mill-Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta mill-Konsulent Psikjatriku Dr. Anthony Dimech (*a fol.* 141 *et seq.*), mill-Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia (*a fol.* 146 *et seq.*) u minn Dr. Stephen Spiteri (*a fol.* 148 *et seq.*) lkoll mogħtija fid-9 ta' Lulju 2020 u kif ukoll mid-depożizzjoni mogħtija fil-11 ta' Jannar 2021 minn Dr. Roberta Holland (*a fol.* 186 *et seq.*) u mir-rapport (*a fol.* 159 *et seq.*) redatt minnha;

- dak li jirriżulta mir-rapport tal-Caritas datat l-1 ta' Marzu 2021 (*a fol.* 203) li jindika li l-appellant kellu ħafna diffikultajiet u b'riżultat tal-ansjeta' kellu jidħol u joħroġ diversi drabi fl-iSptar Monte Carmeli u li l-kampjuni tal-urina kienu qed jirriżultaw fin-negattiv għall-użu tas-sustanzi illeċiti;

- il-fatt illi jirriżulta li l-unika kawża li l-appellant għandu pendenti hija dik odjerna;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant fejn huwa għalqu bir-rakkomondazzjonijiet tiegħu;

- meta ngħad lil din il-Qorti diversament preseduta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li r-riabilitazzjoni tal-appellant kien qed jintemm, il-Qorti ġiet infurmata bis-segwenti (*a fol.* 229): *"Il-Bord informa lill-klijent li se jkun qiegħed jagħlaq il-każ u li se jkun qiegħed jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Qorti.*

  *Il-Bord, wara li ddiskuta fit-tul il-każ tas-Sur Conray Azzopardi, qed jaqbel illi dan il-każ jiġi magħluq għaliex ra li segwa l-care plan fl-aħjar potenzjal tiegħu u dan minkejja l-kundizzjonijiet mediċi tiegħu kif ikkolloborati mill-preskrizzjonijiet maħruġa minn Mater Dei.*

  *Il-Bord ġie mgħarraf li s-Sur Azzopardi applika biex jingħata medicinal cannabis iżda ġiet irrifjutata mill-Awtoritajiet tas-Saħħa*

*minħabba l-policy attwali li tgħid fejn persuna li tkun attendiet xi darba ċ-ċentru tad-detox ma tistax tikkwalifika għal medicinal cannabis.*

*Illi minħabba l-kundizzjoni medika u psikjatrika tas-Sur Azzopardi, il-Bord umilment iħoss li l-Qorti għandha tirrakomanda li s-Sur Azzopardi jkompli jingħata l-għajnuna meħtieġa sabiex is-Sur Azzopardi ma jkunx kostrett li jirrikorri għas-sustanzi li llum m'humiex permissibbli ai termini tal-liġi."*

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikoli 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reat li dwaru l-appellant ġie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija.

Illi dwar il-multa ta' elf Euro (€1,000) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li din il-multa taqa' fil-parametri ta' dak li l-Qorti msemmija setgħet timponi u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqasha.

Illi, għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, din il-Qorti ser tilqa' it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant u ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda li tqies hija aktar idonea għalih u dana wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li jirriżulta, b'mod partikolari mill-atti proċesswali u dak li jirriżulta mill-aħħar informazzjoni mibgħuta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga minn fejn jidher li l-appellant għandu bżonn gwida sew.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Conray Azzopardi u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati ta' imputazzjoni (a) u (ċ) u li minnhom ġie liberat;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati ta' imputazzjoni (b) limitatament għat-28 ta' Ġunju 2008;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' elf Euro (€1000) u fejn ġiet ordnata d-distruzzjoni tad-droga eżebita u tal-oġġetti kollha relatati mal-abbuż tad-droga u fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal erba' mija u għoxrin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€420.23) u fejn ġew ordnati r-rilaxx tas-somma ta' mitejn u ħamsin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€250.72) u tal-*mobile phone* formanti parti mill-atti tal-inkjesta favur l-appellant;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat tnax (12) il-xahar priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta billi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi piena ta' priġunerija ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, a tenur ta' Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-appellant Conray Azzopardi taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn mil-lum (liema ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza) u dana minħabba li huwa jeħtieġ l-għajnuna u jrid jieħu dik l-għajnuna kollha li tkun indikata lilu mill-Uffiċjal tal-*Probation* li ser jiġi nkarigat

biex isegwih bħala ta' utilita' għalih biex ma jerġax jaqa' fil-vizzju tad-droga.

*Ai termini* ta' Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-appellant Azzopardi bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' *Probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' *Probation,* jista' jingħata sentenza għar-reat li tiegħu huwa nstab ħati.

*Ai termini* ta' Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' *Probation* mogħti b'digriet tallum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* sabiex jassenja uffiċjal tal-*probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' l-appellant Conray Azzopardi.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reat li l-appellant nstab ħati tiegħu f'dawn il-proċeduri m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**